MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 971/1993/3

**Charles Demicoli u Michael Sant ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Kordin Grain Terminal Company Limited**

**Vs**

**Eric Schembri u Alfred Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mediterranean Insurance Brokers Limited u b'nota tal-25 ta' Gunju 1993, Emanuel Gafa assuma l-atti tal-kawza f'isem is-scojeta' konvenuta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Charles Demicoli u Michael Sant ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Kordin Grain Terminal Company Limited, fejn dawn wara li ppremettew illi:

Fl-1988 is-socjeta' attrici ("KGT") kienet qabbdet lis-socjeta' konvenuta ("MIB") bhala "insurance broker" biex tirrangalha assikurazzjoni fuq merkanzija taghha jew tal-klijenti taghha waqt li din tkun mahzuna fis-silos taghha f'Malta.

In ezekuzzjoni tal-obbligu taghha hawn fuq imsemmi, l-MIB dahlet lill-KGT f'kuntratt ta' assikurazzjoni tat-tip "Marine Open Cover."

Fil-21 ta' Dicembru 1988 l-MIB baghtet "COVER NOTE" (kopja annessa u mmarkata Dok 'A') lill-KGT li permezz taghha l-MIB konfermat li:

"we have effected the following contract of insurance subject to the terms and conditions of the policy, full details of which are as per the attached cover wording."

Skond l-imsemmija "COVER NOTE" l-assikurazzjoni giet effettwata ma' "Lloyd's Underwriters and Member Companies of the Institute of London Underwriters, as attached."

Fost il-merkanzija koperta taht l-imsemmija polza kien hemm madwar hames mija u hamsa u ghoxrin (525) tunnellati metrici "soya pellets" u "maize pellets" ex M.V. "Artemis" li kienu mahzuna fis-silos tal-KGT, u dana in segwitu ta' talba f'dan is-sens minn KGT li saret fit-28 ta' Mejju 1990 (kopja annessa u mmarkata Dok "B") u ta' konferma mill-MIB tal-31 ta' Mejju 1990 (kopji hawn annessi u mmarkati Dok 'C', 'D' u 'E').

Il-perjodu originali tal-assikurazzjoni tal-imsemmija merkanzija kien mid-29 ta' Mejju sat-28 ta' Awissu 1990 (ara Dok 'C', 'D' u 'E' hawn annessi), iz-zewg granet inkluzi.

Sussegwentement, il-KGT talbet lill-MIB tottjeni erba' estenzjonijiet tal-assikurazzjoni, l-ewwel wahda ghal sittin (60) gurnata, it-tieni u t-tielet ghal tletin (30) gurnata 'l wahda, u r-raba' ghal gimghatejn.

In esekuzzjoni tal-obbligu minnha assunt li tipprokura l-estensjonijiet mitluba l-MIB ghamlet numru ta’ talbiet f’dan is-sens lill-assikuraturi; liema talbiet gew milqugha ezattament fit-termini kif formulati mill-MIB hlief fil-kaz tal-ahhar estenzjoni fejn l-assikuraturi accettaw l-estenzjoni skond certa kondizzjonijiet specjali mitluba minnhom.

L-assikuraturi qeghdin jallegaw li a bazi tat-talbiet tal-MIB, it-tielet estenzjoni tal-assikurazzjoni tal-merkanzija “de quo” kienet skadiet fl-24 ta’ Dicembru 1990; mentri il-KGT kienet talbet li tkun koperta sas-27 ta’ Dicembru 1990.

Fis-26 ta’ Dicembru 1990 inqala hruq fil-merkanzija “de quo” u l-KGT ghamlet talba tramite l-MIB ghall-kompensazzjoni taht il-polza in kwistjoni (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. “F”).

Minkejja hafna sforzi l-assikuraturi qeghdin jirrifjutaw li jhallsu l-“claim” tal-KGT u dana (inter alia) a bazi tas-segwenti allegazzjonijiet.

a. Il-KGT ma kinitx koperta fid-data tal-hruq stante li t-tielet estenzjoni tal-assikurazzjoni fuq il-merkanzija “de quo” kienet skadiet fl-24 ta’ Dicembru 1990.

b. Il-KGT kienet hatja ta’ “non-disclosure.”

c. Il-KGT ma kellhiex “insurable interest” fil-merkanzija in kwistjoni.

Ghaldaqstant, il-KGT iddecidiet tintavola proceduri legali f’Malta kontra l-assikuraturi sabiex tottjeni hlas tal-“claim” hawn fuq imsemmija u ghal dan il-ghan talbet lill-MIB:

a. Kopja tal-polza jew poloz tal-assikurazzjoni; u

b. Komunika formali mill-assikuraturi tad-decizjoni finali taghhom fuq il-“claim” bir-ragunijiet relattivi; u

c. Il-persuni li kontra taghhom kellhom jittiehdu l-proceduri, u r-rapprezentanti taghhom f’Malta.

Il-poloz tal-assikurazzjoni gew ikkonsenjati lill-KGT fit-28 ta' Jannar 1992 (Dok "G") u minn dawn jirrizulta li:

a. Il-kuntratt huwa suggett ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi.

b. Fost l-assikuraturi hemm diversi kumpaniji li m'humiex licenzjati biex jassikuraw Malta taht l-Insurance Business Act (Kap. 290) u li m'ghandhomx rapprezentanti jew assi Malta; ghaldaqstant il-poloz huma nulli u minghajr ebda effett fil-ligi.

c. L-assikuraturi tal-Lloyd's huma tnejn u tmenin (82) "syndicate" li l-membri taghhom huma mijiet jekk mhux eluf ta' individwi, isimhom mhux maghruf, u li huma responsabbli biss ghas-sehem individwali taghhom u mhux in solidum.

L-MIB kienet tqabbdet biex tirranga polza jew poloz validi u li dwar in-nuqqas f'dan ir-rigward qatt ma nfurmat lill-KGT.

L-MIB qatt ma kienet infurmat lill-KGT dwar il-klawsola fil-poloz ta' assikurazzjoni li jissoggettawhom ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi (ara Dok. 'A').

L-MIB ma pprokuratx l-informazzjoni necessarja sabiex il-KGT tkun f'pozizzjoni li nonostante l-klawsola gurisdizzjonali, u a bazi tal-gurisdizzjoni residwa tal-Qrati Maltin, tintavola proceduri legali f'Malta kontra l-assikuraturi, tant li l-KGT ma tafx dawn x'jisimhom (hlief ghall-kumpaniji membri tal-Institute of London Underwriters) u lanqas ma taf min f'Malta jista' jirraprezentahom.

Ghalhekk jirrizulta li:

a. Minhabba l-inadempjenzi kuntrattwali tal-MIB, il-KGT qieghda fl-impossibilta' li tistitwixxi proceduri legali kemm f'Malta kif ukoll barra kontra l-assikuraturi biex titlob il-pagament tal-"claim" minnha maghmula (Dok 'F').

b. Minhabba nkarigu esegwit b'negligenza mill-MIB, l-assikuraturi qeghdin jevitaw l-obbligu taghhom taht il-poloz a bazi ta' allegazzjoni li dawn ma kinux ikopru lill-KGT fid-data tal-hruq in kwistjoni.

Bhala rizultat tan-nuqqasiiet tal-MIB, KGT sofriet danni konsistenti fin-nuqqas tal-hlas tal-"claim" taghha fl-ammont ta' tnejn u tletin elf mija u disgha u ghoxrin Lira erbghatax-il centezmu u erba' millezmi (Lm32,129.14,4) rizultanti minn hruq fuq is-silos taghha fis-26 ta' Dicembru 1990.
Ghalkemm interpellata thallas dawn id-danni, l-MIB baqghet inadempjenti.

Talbu l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li bhala rizultat tan-nuqqasijiet tal-MIB, jew ta' wiehed jew aktar minnhom, il-KGT tinsab f'impossibilta' li tirkupra l-"claim" li ghandha kontra l-assikuraturi, jew li tittenta li taghmel dan fil-Qrati Maltin; u

2. Tiddikjara li l-MIB ghalhekk ikkawzat danni lill-KGT konsistenti fl-ammont tal-"claim" li din ghamlet taht il-poloz de quo, liema danni jigu likwidati fi proceduri appositi.

B'riserva ta' kull azzjoni ghal-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas tad-danni kontra l-konvenuti nomine.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta' Emmanuel Gafa' li assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' konvenuta minnflok Eric Schembri li jinsab imsiefer fejn dan eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Is-socjeta' attrici ma tistax tghid li tinsab fl-impossibilita' li tirkupra l-claim taghha, ghaliex ma ghamlet xejn sabiex

tazzjona lill-underwriters la fl-Ingilterra u lanqas gewwa Malta.

Jekk stess hi kellha titlef il-claim wara tali azzjoni, din it-telfa tkun rizultat ta' negligenza, ovvja, dapparti tas-socjeta' attrici stess, li halliet il-polza tiskadi, minkejja twissija preciza tas-socjeta' konvenuta dwar dan.

Is-socjeta' attrici tista' ukoll titlef il-claim minhabba li imxiet in malafede mal-underwriters billi ikkommettiet *material non disclosure* ta' fatti li kienu zgur jaffettwaw il-gudizzju tal-underwriters jekk ikoprux jew le ir-riskju in kwistjoni.

Fi kwalunkwe kaz, id-danni li ssemmi s-socjeta' attrici, ma kinux rikuperabbli minn din il-polza, ghaliex dawn id-danni allegati kienu spejjez ta' servizzi ottenuti mis-socjeta' attrici sabiex tissalvagwarda l-impjant taghha, u mhux il-merkanzija assikurata. Is-socjeta' attrici setghet ghamlet claim fuq il-fire policy li tkopri l-impjant, izda ghal xi raguni m'ghamlet xejn minn dan.

Il-komportament tas-socjeta' konvenuta kien ezemplari kemm qabel u kemm wara l-incident li wassal ghall-claim in kwistjoni, u is-socjeta' konvenuta ma wettqet ebda nuqqasijiet, u ma ghamlet ebda att jew omissjoni li setghet ippregudikat lis-socjeta' attrici.

## <u>A.</u> <u>Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza</u>

1. Fis-sena 1988 is-socjeta' attrici kienet inkarigat lis-socjeta' konvenuta bhala *insurance broker* biex tirrangalha assikurazzjoni fuq merkanzija taghha jew tal-klijenti taghha waqt li din il-merkanzija kienet tinsab mahzuna fis-silos taghha f'Malta.

2. Is-socjeta' konvenuta in ezekuzzjoni tal-obbligu taghha dahlet lis-socjeta' attrici f'kuntratt ta' assigurazzjoni tat-tip "Marine Open Cover" mal-Lloyd's Underwriters and Member Companies of the Institute of London Underwriters u baghtet *cover note* datata l-21 ta' Dicembru 1988 (Dok. A annessa mac-citazzjoni li tinsab a fol. 9) fejn ikkonfermat dan.

3. Il-perjodu originali tal-assikurazzjoni kien jkopri l-perjodu ta bejn id-29 ta' Mejju 1990 u it-28 ta' Awissu 1990, iz-zewg granet inkluzi.

4. Sussegwentement saru diversi talbiet mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta sabiex tottjeni estensjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni.

5. Il-meritu tal-kawza odjerna jirreferi ghall-ahhar estensjoni mitluba mis-socjeta' attrici, fejn filwaqt illi s-socjeta' konvenuta tinsisti l-polza ta' assikurazzjoni kienet skadiet fl-24 ta' Dicembru 1990, is-socjeta' attrici tilmenta illi hija kienet talbet li tkun koperta sas-27 ta' Dicembru 1990.

6. Fis-26 ta' Dicembru 1990 sehh hruq fil-merkanzija mahzuna mis-socjeta' attrici u fid-9 ta' April 1990, is-socjeta' attrici ghamlet talba ghall-kompensazzjoni taht il-polza (Dok. F. a fol. 28) u esebiet flimkien mal-claim diversi ircevuti ta' hlas u spejjez inkorsi minnha bhala rizultat tal-hruq (Dok. A sa H li jinsabu a fol. 30 sa 70), liema claim giet rifjutata a bazi tal-fatt illi:

a. Is-socjeta' attrici ma kinitx koperta fid-data tal-hruq stante illi t-tielet estensjoni kienet skadiet fl-24 ta' Dicembru 1990;

b. Is-socjeta' attrici kienet hatja ta' 'non-disclosure'; u

c. Is-socjeta' attrici ma kellhiex 'insurable interest' fil-merkanzija in kwistjoni.

7. Is-socjeta' attrici ddecidiet illi tistitwixxi proceduri hawn Malta kontra l-assikuraturi u talbet lis-socjeta' konvenuta kopja tal-polza ta' assikurazzjoni, komunika formali mill-assikuraturi tad-decizjoni taghhom fejn kienu qeghdin jirrifjutaw il-claim u informazzjoni dwar min kienu l-persuni li kontra taghhom kellhom jigu istitwiti l-proceduri. Is-socjeta' konvenuta ikkonsenjat kopja tal-polza ta'

assikurazzjoni (Dok. G a fol. 71-167) lis-socjeta’ attrici fit-28 ta’ Jannar 1992 minn fejn irrizulta illi:

a. Il-kuntratt huwa soggett ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi;

b. Fost l-assikuraturi hemm diversi kumpaniji li m’humiex licenzjati biex jassikuraw Malta taht l-Insurance Business Act u li ma ghandhomx rapprezentanti jew assi Malta;

c. L-assikuraturi tal-Lloyd’s huma tnejn u tmenin (82) ‘syndicate’ li l-membri taghhom huma hafna u li isimhom mhux maghruf u li huma responsabbli biss ghas-sehem individwali taghhom u mhux ‘in solidum’.

8. Is-socjeta’ attrici tissottometti illi minhabba inkarigu esegwit b’negligenza mis-socjeta’ MIB l-assikuraturi qeghdin jevitaw l-obbligu li jhallsu l-claim fl-ammont ta’ tnejn u tletin elf, mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u erbghatax-il centezmu (Lm32,129.14) u ghalhekk is-socjeta’ attrici intavolat il-proceduri odjerni fejn qeghda titlob dikjarazzjoni minn dina l-Qorti illi bhala rizultat tan-nuqqasijiet tas-socjeta’ MIB hija tinsab fl-impossibilita’ li tirkupra l-claim kontra l-assikuraturi jew li tittenta taghmel dan fil-Qrati Maltin u kif ukoll dikjarazzjoni illi s-socjeta’ MIB ikkawzat danni lis-socjeta’ attrici konsistenti fl-ammont tal-claim.

**<u>B. L-impossibilita’ o meno tas-socjeta’ attrici illi tirkupra l-claim</u>**

Is-socjeta’ konvenuta teccepixxi illi m’huwiex minnu illi s-socjeta’ attrici kienet fl-impossibilita’ li tirkupra l-claim taghha u dan peress illi hija m’ghamlet xejn sabiex tazzjona lill-underwriters fl-Ingilterra jew f’Malta. Is-socjeta’ konvenuta tinsisti illi ma gie ikkawzat l-ebda pregudizzju lis-socjeta’ KGT billi l-MIB ottjeniet polza soggetta ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi u tinsisti in oltre illi s-socjeta’ attrici kellha l-opportunita’ illi tazzjona gewwa Malta lill-Middlesea Insurance Co. Ltd. li kienet co-insurer tar-riskju in kwantu 30% izda ghazlet li dan ma taghmlux. Dina l-

Qorti taqbel ma' dak li gie ritenut mill-Perit Legali fir-rapport tieghu f'dan ir-rigward meta huwa ta spjegazzjoni ta' kif kienet il-pozizzjoni procedurali f'Malta fir-rigward ta' poloz ta' assikurazzjoni fiz-zmien li giet intavolata l-kawza odjerna u li kien appuntu minhabba d-diffikultajiet skontrati fil-perjodu in kwistjoni illi nhasset il-htiega li jigi emendat l-Insurance Business Act tal-1998. Il-Perit Legali jkompli jzid illi nonostante l-ezistenza ta' tali diffikoltajiet procedurali, is-socjeta' attrici naqset milli tipprova illi hija kienet fl-impossibilita' illi tazzjona kontra l-assikuraturi fl-Ingilterra u li bl-ebda mod ma ghamlet l-aghlmu taghha sabiex tfittex l-informazzjoni kollha necessarja sabiex tintavola l-proceduri kontra l-persuni ossija sindakati kollha relattivi:

"M'hemmx dubbju illi d-diffikulta' procedurali li tilmenta minnha KGT kienet reali fil-perjodu in kwistjoni ....b'danakollu pero' mill-provi ma jidhirx li sar xi tentattiv minn KGT biex jitolbu lill-MIB jew sahansitra lil Lloyd's direttament jew l-agenti taghhom f'Malta biex jinkiseb it-taghrif necessarju dwar il-membri li ssottoskrivew ghall-polza partikolari."

Kien jinkombi fuq is-socjeta' illi tipprova l-allegazzjoni imressqa minnha illi hija kienet fl-impossibilita' illi tazzjona kemm f'Malta u kif ukoll fl-Ingilterra kontra l-assikuraturi sabiex tavvanza l-claim taghha. Is-socjeta' attrici ghal xi raguni ghazlet illi ma tipprocedix kontra l-assikuraturi fl-Ingilterra u meta s-socjeta' konvenuta offriet li tghinha sabiex tforniha bid-dettalji tas-sindakati hija rrifjutat tali ghajnuna fuq il-premessa illi tali informazzjoni setghet iggibha wahedha.

## <u>C.</u> <u>Tigdid tal-Polza</u>

M'hemmx kontestazzjoni illi l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkopri l-incident ta' hruq li sehh fis-26 ta' Dicembru 1990 izda s-socjeta' attrici tinsisti illi s-socjeta' konvenuta ma kinitx segwit l-istruzzjonijiet moghtija lilha ghall-perjodi li kellha testendi l-polza in kwistjoni u kien ghalhekk bhala rizultat ta' dan in-nuqqas li s-socjeta' attrici giet fl-impossibilita' li tavvanza l-claim taghha.

Min-naha l-ohra s-socjeta’ konvenuta teccepixxi illi s-socjeta’ attrici kienet negligenti meta halliet il-polza tiskadi minkejja twissija maghmula mis-socjeta’ konvenuta.

Dina l-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza fejn irrizultalha illi fl-20 ta’ Dicembru, 1990, is-socjeta’ konvenuta MIB baghtet telefax (Dok. K5 – a fol. 197) fejn talbet lis-socjeta’ attrici tikkonferma jekk kellhiex bzonn estensjoni tal-istorage periods fejn il-merkanzija “Maize and Soya Bean Meal per Artemis – expiry date 24th December, 1990”. Illi jirrizulta illi s-socjeta’ attrici baghtet tikkonferma li xtaqet taghmel estensjoni tal-polza ghal gimghatejn ohra fis-26 ta’ Dicembru, 1990 u dan kif jidher mill-fax li tinsab immarkata bhala Dok. K6 a fol. 198 tal-process. Jirrizulta ghalhekk illi meta ntbaghtet l-fax Dok. K6 kienu diga’ ghaddew jumejn mid-data tal-iskadenza tal-polza (li giet indikata f’Dok. K5) in kwistjoni u dakinhar stess kien sehh il-hruq tal-merkanzija in kwistjoni. Permezz ta’ telefax mibghuta fis-26 ta’ Dicembru, 1990 (Dok. K7 a fol. 199) is-socjeta’ MIB spjegat illi:

“In the meantime, until such time that we obtain underwriters confirmation to the above extensions, no cover is presently in force with effect from the 25 and 26 December, 1990 in respect of MV Arthemis and MV Enterprise respectively.”

Illi socjeta’ attrici tinsisti illi l-ahhar estensjoni tal-polza kellha tiskadi fis-27 ta’ Dicembru, 1990 u mhux fl-24 ta’ Dicembru, 1990 u dwar dan xehed waqt is-seduti peritali mizmuma quddiem l-abbli perit legali Dr. Louis Cassar Pullicino, Michael Sant, prodott mis-socjeta’ attrici li spjega illi (a fol. 323):

*“ahna bqajna nsostnu li on the date of the “accident” hawn x’inhu, l-incident ahna konna “covered” ….. Li kien gara kien jekk niftakar tajjeb illi meta l-MIB kienu hargu policy covering that period, flok kienu ghoddew 60 gurnata, kienu ghoddew jidhirli granet inqas u meta sussegwentement, gew allura, giet extended il-policy a number of times, there again meta konna nitolbuhom biex*

*jestenduha bi 30 gurnata, per ezempju, kienu ma' jghoddux 30 gurnata, kien zball taghhom, li m'ghoddewx 30 gurnata imma kienu ghoddew per ezempju 28 days, 29 days nerga' nghid insejt kemm. As a result, meta tibqa tasal fl-ahhar tal-perijodu li kien covered, skond il-kalkoli taghna kien xi 120 days jidhirli, waqt li ahna kellna mohhna mistrieh li kien covered 120 days, fil-fatt fil-karti, fid-dokumenti li kienu baghtulna kien covered ghal perijodu icken ta' granet.* ***Jiena kont ammettejt u nghidha car jigifieri mhux ser niddejjaq nghidha illi jiena meta kienu baghtulna id-dokumenti, kemm kien covered il-consignment, nghid il-verita' ma kontx qadt noqghod naghti kaz illi jekk ahna tlabnihom 60 days, ma qadx nghodd il-60 days minn meta kellha tibda u niccekkja ezatt ezatt jekk l-ahhar gurnata kienet dik li suppost kienet u nibghatilhom fax jew ittra ….(a fol. 324 imbaghad jkompli jghid), jiena nghid il-verita' kont speci ta' naghmel a mental note ta' meta tiskadi il-polza ma' kontx noqghod niccekja ezatt ezatt li d-data li skond jien suppost kellha tiskadi il-polza kienet dik li kienet tidher fuq id-dokument*** *(a fol. 337 in ri-ezami jghid) "kont nehodha forgranted jekk jien nghidlu insure for 30 days onestament nammetti li kont, I take it forgranted li ahna zgur inxurja for 30 days. Wara kien emerga li fil-fatt ma' kienux qed isegwu l-instructions."*

Illi s-socjeta' attrici ma' tistax tallega negligenza fil-konfront tas-socjeta' MIB meta hija stess kienet negligenti meta saru l-estensjonijiet kollha tal-poloz ta' assikurazzjoni. Jekk forsi hadu zball darba kien jkun skuzabbli pero' dan l-istess zball baqa' jirrepeti ruhu u dan kif gie ikkonfermat mill-istess Michael Sant illi ikkonferma l-faxes kollha li gew ezebiti fl-atti ta' din il-kawza u li gew mibghuta lis-socjeta' attrici kull darba li giet accettata l-estensjoni. Jinghad illi l-accettazzjoni tal-estensjoni tal-polza ta' assikurazzjoni dejjem saret bil-miktub u dejjem intbaghtet permezz ta' fax mis-socjeta' MIB lis-socjeta' attrici u ghalhekk is-socjeta attrici kellha dejjem l-opportunita' illi tifli id-dati hemmhekk imnizzla li kienu jindikaw il-perijodu li fih kienet tapplika l-polza u meta din kienet tiskadi u ma' tistax is-socjeta' attrici tghid illi kienet

tiehu "forgranted" illi l-istruzzjonijiet li kienet qeghda taghti lis-socjeta' MIB kienu qeghdin jsiru. Referenza issir ghal decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Deirdre u John Cachia vs Gaba Diamonds Company Limited**" deciza fit-28 ta' Novembru, 2003 li dahlet fil-kwistjoni tar-ratifika tacita ta' bejn il-mandant u l-mandatarju u din il-Qorti thoss illi dan ghandu relevanza fil-kaz in kwistjoni stante ili l-gurisprudenza taghna tqis illi l-broker jkun qieghed jagixxi bhala l-mandatarju tal-assikurat. F'din is-sentenza saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Carmen Aquilina et vs Edgar**
**Ellul et**" deciza fl-Appell mill-Bord li jirregola l-Kera moghtija fis-17 ta' Marzu, li dwar il-materja ta' ratifika qalet hekk:-

*"In tema tar-ratifika tacita tajjeb li jigi rilevat illi anke fil-kaz tal-kunsens tacitu il-gurisprudenza irragunat li kien hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti cioe'* ***li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-veraportata u l-effetti tal-att li jinghad li huwa wiehed (sic) tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu' illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonciljabbli mal-volonta' tieghu li jzomm ferm id-drittijiet tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tistax tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa jkun accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta****".*

Fil-fehma ta' dina l-Qorti dan il-principju japplika wkoll ghall-kaz in ezami.

## D. Material Non-Disclosure

Illi huwa risaput fil-gurisprudenza nostrana u kif ukoll universalment illi kuntratt ta' assikurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni li min jitlob assikurazzjoni jkun onest maghha u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz. Huwa rikonoxxut ukoll illi l-obbligu ta' disclose material information in tema ta' kuntratti ta' assikurazzjoni, jifforma element essenzjali tan-natura tal-kuntratt ta' assikurazzjoni u ghalhekk jinkombi fuq il-persuna li

qieghed jitlob li tinhareg il-polza ta' assikurazzjoni illi spontanjament u volontarjament jpoggi l-informazzjoni kollha ghad-disposizzjoni tal-assikuratur jew tal-agent tieghu u dan ossija ex M.V. Artemis kienet ghal diversi xhur qabel qeghda tiddeterjora bhala rizultat ta' 'caking and blackening.' Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta tinsisti illi s-socjeta' attrici kienet sa mill-ewwel perjodu ta' estensjoni tal-polza, naqset mill-obbligu taghha li tinforma lis-socjeta' konvenuta jew lill-underwriters b'dan id-difett fil-merkanzija. Illi in kontro-ezami (a fol. 334), ix-xhud Michael Sant prodott mis-socjeta' attrici kkonferma Dok. K9 u xehed illi:

"**f'xi perjodu dal-prodott (b'referenza ghall-ex M.V. Artemis li kien inharaq fis-silos tas-socjeta' attrici) kien wera... xi sinjali zghira ta' deterjorazzjoni**, li pero' bl-ebda mod ma kien tellef mill-valur tal-goods jigifieri vera li kien hemm ghal ftit zmien iktar milli suppost, suppost dam hemmhekk fil-hinijiet ta' ftit xhur pero' kien thalla hemmhekk ghal perjodu itwal."

Ghalkemm l-istess socjeta' konvenuta l-kwistjoni ta' *non-disclosure of material facts*, l-istess socjeta' ma tantx toqghod tiddelunga wisq dwar dan il-principju stante illi tghid illi l-assikurazzjoni meta irrifjutat il-claim in kwistjoni aktar tat importanza ghall-fatt illi l-polza in kwistjoni kienet skadiet u li ghalhekk ma kinitx tkopri l-incident tal-hruq li kien sehh jumejn wara. Dina l-Qorti tosserva illi s-socjeta' attrici ma gabet l-ebda prova sabiex tikkontesta din l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta hlief li meta mistoqsi in kontro-ezami ix-xhud Michael Sant jispjega illi fl-ittra ossija fax li huma baghtu lis-socjeta' Indesit (Dok. K9 a fol. 201) huma esageraw il-fatti sabiex is-socjeta' Indesit tiehu l-merkanzija mill-aktar fis possibbli. Dan il-fatt ikompli jikkonvinci lil dina l-Qorti illi l-merkanzija in kwistjoni kellha diga' l-problemi meta saret l-ewwel estenzjoni u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha ragun teccepixxi r-raba' eccezzjoni taghha illi l-underwriters setghu ma accettawx il-claim fuq il-bazi ta' *non-dsisclosure of material facts*.

Dina l-Qorti tikkondividi l-kostatazzjonijiet u l-analizi tal-provi migbura u konkluzjonijiet raggunti mill-abbli Perit Legali Dr. Louis Cassar Pullicino fl-intier taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------